MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 118/2007

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Maria Assunta Cassar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta` Frar, 2007 fejn intalab li l-konvenuta kellha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` tlett mija u hamsa u tmenin lira u disgha centezmi (Lm 385.09) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon li jgib in-numru 21653588, account number 10157634 u file number 80/6907/81. Liema servizz kien gie installat fl-indirizz numru 2, bl-isem ta` "St. Thomas", Kavallerizza Road, Marsaxlokk u dan kif ghandu jirrizulta mid-dokumenti ezebiti u mmarkati Dok. IZY 1 u IZY 2.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta.

It-Tribunal innota illi l-konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba tas-socjeta` attrici.

Ezamina d-dokumenti ezebiti u mmarkati bhala Dok. IZY 1 u IZY 2.

Kif ukoll semghet bil-gurament lil Avukat Dr. Ingrid Zammit Young li kkonfermat li l-ammont kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum.

Rega` gie notat li l-konvenuta naqset li tidher ghas-seduta ta` llum sabiex iggib il-provi taghha.

It-Tribunal ghalhekk f`dawn ic-cirkostanzi qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta Maria Assunta Cassar thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` tlett mija u hamsa u tmenin lira u disgha centezmi (Lm 385.09), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-9 ta` Frar, 2007 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------